Mellieħa

# Kunsill Lokali Mellieħa

# Il-Pjan tal-Ħidma

# 2012 - 2014

## Il-Werrej


| | |
|---|---|
| Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni | 2 |
| L-Istqarrija tal-Missjoni u l-Valuri | 3 |
| L-Għanijiet, ir-Riżultati Mistennija u l-Istrateġiji | 4 |
| Analiżi tal-Ħidma tal-Kunsill | 7 |
| Attivitajiet Ġenerali | 10 |
| Tbassir dwar il-Finanzi u r-Rendiment | 12 |
| L-Infieq Kapitali | 15 |

**Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni**

L-ewwel sena finanzjarja ta' dan il-Pjan ta' Ħidma taħbat ir-raba' waħda fil-mandat tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Hija sena li fiha l-Kunsill ser ikompli jikkonsolida u possibilment jikkonkludi proġetti mibdija, anke dawk imnedija minn kunsill preċedenti. Il-Kunsill qed jagħti priorita` lil ħames proġetti kapitali li huma: (a) ir-*resurfacing* ta' Triq l-Armier; (b) il-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ; (ċ) it-Tisibiħ ta' Misraħ iż-*Żjara tal-Papa*; (d) il-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ; u (e) il-Proġett tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ.

Ser ikun inpenjat fuq it-titjib tas-sigurta` fiż-żoni ta' Santa Marija Estate bl-introduzzjoni ta' dwal ġodda u aktar tard fi Triq l-Armier u Triq ir-Ramla tal-Bir. L-istess ser jagħmel fi Ġnien il-Qigħan u Ġnien Dun Anton Debono li spiss jisfaw il-mira tal-vandali. F'dawk li huma toroq u pjazez, flimkien ma' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, il-Kunsill ser jwettaq proġett ta' tisbiħ f'Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata. Dan wara li Transport Malta jlestu t-triq ippjanata li ssir biswit Ġnien iż-Żerniq u l-istess Misraħ.

Wara li nkiseb il-kunsens tal-MEPA sabiex isiru emendi fil-permess oriġinali dwar it-tisbiħ tas-*soft area* li tinsab bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida, huwa ippjanat li dan il-proġett jitwettaq fl-ewwel sena tal-Pjan ta' Ħidma. Il-Kunsill jemmen li din iż-żona żiedet fl-importanza tagħha billi żviluppat f'ċentru fejn wieħed isib l-Iskola Primarja, is-Sala tal-Komunità, l-Uffiċċju tal-Posta u dak tal-Kunsill Lokali, il-faċilitajiet sportivi f'Ta' Pennellu, kif ukoll Dar il-Madonna tal-Mellieħa.

Il-Kunsill ser jara li jkompli jtejjeb postijiet ta' rikjrejazzjoni bħalma huma Ġnien il-Qigħan u Ġnien Dun Anton Debono, illi saru snin ilu u issa jirrikjedu ċertu manutenzjoni partikularment f'dik li hija sigurta`. Qed tingħata importanza lil post minn fejn jiffunzjona u jagħti s-servizzi tiegħu l-Kunsill. Fit-tliet snin tal-Pjan qed naraw ukoll li mhux biss inkopru l-ispiża marbuta mal-akkwist tal-fond intenzjonat biex jitkabbar l-uffiċċju attwali, iżda wkoll biex jiġi attrezzat mill-aħjar possibbli.

Kif wieħed jista' jara mill-iskedi li jifformaw parti minn dan il-Pjan ta' Ħidma, huwa importanti li l-Kunsill ifittex sorsi ta' finanzjament oltre l-Allokazzjoni Annwali mill-Gvern Ċentrali, partikularment fit-tieni u t-tielet sena tal-Pjan. Din il-ħtieġa tkun iktar urġenti skond kemm ikunu mxew 'il quddiem il-proġetti kapitali ewlenin, fl-ewwel sena tal-Pjan. Għalhekk huwa ttamat li d-dħul tal-Kunsill jkompli jkun imsaħħaħ bl-iskemi ta' finanzjament li ntroduċa l-Gvern Ċentrali, kif ukoll minn sorsi oħra bħal Fond għat-Titjib Urban u d-diversi programmi ta' l-Unjoni tal-Unjoni Ewropea.

Robert Cutajar - **Is-Sindku**

**2.1 L-Istqarrija tal-Missjoni**

L-għan tal-Kunsill huwa li jservi ta' gvern lokali li jamministra fl-interess komuni tal-lokalita`, anke jekk dan jitlob li jittieħdu deċiżjonijiet, li ma jkunux daqshekk popolari fost ir-residenti.

**2.2 Il-Valuri**

Il-valuri mħaddna mill-Kunsill Lokali Mellieħa huma:

- Li jaħdem għall-benefiċċju tal-lokalita' in ġenerali mingħajr ma jiddeskrimina bejn żona u oħra.
- Jikkonsidra bl-istess mod il-ħtiġijiet ta' l-irħula żgħar li jinstabu fil-lokalita', daqs dawk tal-Mellieħa li tħaddan fiha l-akbar numru ta' residenti.
- Jirrispetta l-opinjonijiet u twemmin politiku divers li jeżistu fil-lokalita'.
- Iħajjar lir-residenti jipparteċipaw fid-deċiżjonijiet li jittieħdu billi jinħolqu strutturi li permezz tagħhom issir konsultazzjoni ma' nies ta' esperjenza jew esperti fil-qasam rispettiv. Fejn ikun hemm numru konsiderevoli ta' nies li ser jintlaqtu b'xi deċiżjoni li tkun ser tittieħed, il-Kunsill imur għal metodu ta' konsultazzjoni aktar miftuħa permezz ta' laqgħat direttament mal-pubbliku.
- Jistma x-xogħol imwettaq mill-għaqdiet kulturali li jiffunzjonaw fil-Mellieħa u jkun strumentali biex l-għanijiet tagħhom jintlaħqu bi kwalunkwe` mezz possibbli fil-parametri tal-liġi dwar il-Kunsilli Lokali. Permezz ta' l-attivitajiet tiegħu, il-Kunsill jara li ma jidħolx f`kompetizzjoni mal-istess għaqdiet.
- Jara li l-fondi pubbliċi allokati lilu jintefqu bl-aktar mod effettiv, effiċjenti, b'tali mod li jinġieb il-valur tal-flus li jintefqu permezz ta' kontroll fuq il-kwalita`.

o Iservi ta' vuċi għall-kostitwenti tiegħu ma' Ministeri, Dipartimenti u/jew entitajiet pubbliċi fuq materji li jolqtu l-lokalita'.

o Jara li jikkonsolida t-tliet ftehim ta' ġemellaġġi li diġar jinsabu fis-seħħ li jwessa` l-orizzonti tar-residenti bi skambi li jista' jseħħu bis-saħħa tal-istess ġemellaġġi.

o Jara fuq kollox li jiffunzjona fil-qafas tal-liġijiet u regolamenti dwar l-operat tal-kunsilli lokali, kif ukoll josserva skemi u liġijiet li japplikaw fuq bażi nazzjonali.

## 3.1 L-Għanijiet u r-Riżultati Mistennija matul il-Perjodu tal-Pjan

| L-Għanijiet | Ir-Riżultati Mistennija |
| --- | --- |
| • L-Ambjent | o Il-Kunsill ser jara li jkun hemm infurzar tal-liġi f'żoni rurali, filwaqt li jemmen illi dawn għandhom jidgawdew mill-Maltin u t-turisti bil-galbu u mingħajr ħsara ambjentali fil-qafas legali u *bye-laws* li ntroduċa l-Kunsill.<br>o F'koperazzjoni mal-Gvern Ċentrali jsiru kampanji edukattivi u jiġu ntrodotti miżuri sabiex ir-residenti jiġu nkoraġġiti u nċentivati jisseparaw l-iskart u jieħdu sehem f'attivitajiet bħalma huma *clean-ups*, u hekk tinħoloq kuxjenza aktar favur iż-żamma tal-indafa. |
| • Sigurta` fit-toroq ewlenin | o Wara li saret konsultazzjoni mal-i*stakeholders* kollha nvoluti, il-Kunsill ser jara li jiġu ntrodotti arranġamenti tat-traffiku ġodda ntiżi sabiex tonqos il-konġestjoni tat-traffiku fi Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier, kif ukoll titjieb il-kwalita` tal-arja fl-istess toroq għall-benefiċċju tar-residenti u l-persuni li jiffrekwentaw l-istess toroq. |
| • Titjib fil-kwalita` tat-toroq u żoni urbani fil-lokalità, b`mod partikulari dawk li għadhom mhux miksija bit-tarmak. | o Il-Kunsill ser jara li jkompli jsebbaħ wesgħat li jinsabu f'żoni urbani bħalma huma dawk ta' Triq Qasam Barrani/Triq il-Mitħna l-Ġdida.<br>o Fit-tliet snin tal-pjan ta' ħidma, il-Kunsill ser jara li jkopri t-Tieni Fażi ta' Triq l-Armier bejn Triq Ramlet il-Qortin u l-Ponta tal-Aħrax, peress li l-istat tagħha ddeterjora serjament.<br>o Tisbiħ ta' Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata, li tirrikjedi wkoll aktar sigurta` għall-*pedestrians* waqt l-attivitajiet li jsiru fil-Knisja Parrokkjali u fl-istess pjazza. |
| • Apprezzament ta' beni storiċi. | o Ser isir sforz min-naħa tal-Kunsill sabiex il-Batterija ta' Westreme, li tilqa' il-Mużew tat-Tunnara, u x-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija ikomplu jingħataw il-pubbliċità fost l-organizzaturi tal-vjaġġi kif ukoll l-istabbilimenti turistiċi ġewwa l-Mellieħa stess, bil-għan li aktar nies iżuruhom. Huwa ppjanat ukoll li jittejjeb l-aċċess ghall-istess xelters minn Triq il-Kappillan Magri. Ser jiġu żviluppati beni storiċi oħra li sal-lum kienu abbandunati, bħalma huma t-Torri l-Abjad u d-*Defence Post* ta' Triq l-Għollieqa.<br>o Huwa ippjanat li jiġi rijabilitat Misraħ il-Papa Ġwanni Pawlu II li jinsab fiċ-ċentru storiku tal-Mellieħa.<br>o Jinħoloq *heritage trail* f'Selmun li jestendi sal-Imgiebaħ. |

| | |
|---|---|
| • Sigurta` u Serħan-il Moħħ għar-Residenti | • Ser ikomplu l-isforzi sabiex ikun hemm dawl adekwat fit-toroq ta' Santa Marija Estate, u ġewwa l-Aħrax. |
| • L-Edukazzjoni | • Għoti ta' kotba u mezzi oħra ta' tagħlim lill-Librerija Pubblika tal-Mellieħa, permezz ta' koperazzjoni aktar mill-qrib mal-Librerija Nazzjonali skont il-ftehim dwar it-tmexxija ta' l-istess librerija. Din l-inizjattiva ser tkompli ttejjeb il-faċilitajiet fil-librerija u hekk jitħajjru aktar nies jaqraw.<br>• Tisħiħ tal-korsijiet bil-kollaborazzjoni mad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni sabiex jiġu kordinati mill-Kunsill bil-għan li t-tagħlim jinġieb aktar qrib ir-residenti u jkun estiż tul-il ħajja.<br>• Organizzazzjoni ta' *summer camp* għat-tfal biex jużaw il-ħafna ħin liberu li jkollhom matul ix-xhur tas-sajf bil-għan li jkomplu jiżviluppaw il-personalita` tagħhom b'mod differenti permezz ta' *crafts*, ħarġiet edukattivi eċċ. |
| • Faċilitajiet Sportivi | • Il-proġett Park tal-Familja f'Ta' l-Ibraġ huwa intiż sabiex jiġu pprovduti faċilitajiet sportivi li s'issa għadhom ma jeżistux u jibbenefikaw minnhom assoċjazzjonijiet sportivi fil-Mellieħa li m'għandhomx faċilitajiet fejn jipprattikaw id-dixxiplini sportivi rispettivi. |
| • Attivitajiet Popolari | • Organizzazzjoni ta' attivitajiet popolari ser ikomplu bil-għan li l-kwalita` tal-ħajja tar-residenti togħla filwaqt li l-lokalita` tal-Mellieħa tieħu postha fuq il-mappa kulturali ta' pajjiżna. |

**L-Istrateġiji**

- L-ippjanar tal-proġetti u l-attivitajiet tal-Kunsill jitmexxew b'konsultazzjoni mal-pubbliku jew ma' kumitati u sotto-kumitat komposti minn nies li għandhom esperjenza jew b'xi mod milquta. Nemmnu li biex tinkiseb il-fiduċja tar-residenti, il-kunsillieri u l-uffiċjali tal-Kunsill għandhom jkunu aċċessibli għall-pubbliku f'kull waqt.

- Il-Kunsillieri ndividwali għandhom jkomplu juru inpenn u koperazzjoni sħiħa bejniethom sabiex jaħdmu bħala tim wieħed, illi jpoġġi l-interessi tal-lokalita` l-ewwel u qabel kollox. B`hekk tikber il-kredibilita` tal-Kunsill fost ir-residenti.

## 4.1 L-Analiżi tal-Ħidma

L-Allokazzjoni finanzjarja mill-Gvern Ċentrali, għas-sena 2012 ser tkun €996,500 - 4.57% iżjed fuq dik tal-2011. Dan irriżulta mill-fatt li l-vot globali tal-Kunsilli Lokali żdied minn 29 għall-€32 miljun. Oltre dawn il-Kunsilli Lokali ser jibbenefikaw minn €1miljun oħra, li jista' jirriżulta fi dħul addizzjonali permezz tal-iskemi li jitħaddmu mill-Ministeru responsabbli mill-Kunsilli Lokali. Fil-parti l-kbira tagħhom japplikaw fil-kuntest Mellieħi, iżda sta għall-Kunsill li jressaq it-talbiet b'mod kredibbli sabiex jibbenefika bl-aħjar mod minnhom.

Qed jiġi nnutat li d-Direttorat għat-Tindif u Manutenzjoni waqqaf għal kollox is-servizz sussidjat fir-rigward tal-latrini pubbliċi li kien ilu jirrendi sa mill-1994. Minkejja dan, wieħed jittama wkoll li l-Gvern ikompli jissussidja servizzi oħra bħalma huma dawk mogħtija mit-Taqsima tax-Xogħlijiet u mill-Environment Landscapes Consortium, kif sar f'dawn l-aħħar snin. Huwa ttamat li tiġi riżolta l-kwistjoni dwar ir-rimi tal-iskart fil-*landfill* tal-Magħtab u fl-Impjant ta' Sant' Antnin, fejn il-WasteServ Malta Ltd ma tibqax titlob ħlasijiet mingħand il-Kunsilli li jmorru lill'hinn mill-allokazzjoni finanzjarja li jgħaddilhom il-Gvern Ċentrali għal dan il-għan.

Il-Fond għat-Titjib Urban, amministrat mill-MEPA kien sors ta' finanzjament li l-Kunsill ibbenefika minnu fuq diversi proġetti. Għalhekk ser jiġu kkunsidrati proġetti oħra li jikkwalifikaw għal dan it-tip ta' finanzjament. Għajnuniet oħra li mistennija jissupplimentaw l-allokazzjoni annwali mill-Gvern Ċentrali jinkludu skemi ta' finanzjament amministrati mill-Ministeru responsabbli mill-Kunsill Lokali. Dawn qed issir sejħa għalihom minn sena 'l oħra u jinvolvu:

- Skema dwar Bżonnijiet Speċjali
- Skema dwar Aċċessibilita` Aħjar fil-Lokalitajiet
- Skema dwar Proġetti li jinvolvu Enerġija Alternattiva
- Skema dwar Inizjattivi Sportivi
- Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet
- Skema dwar ir-responsabilita' ta' librerija lokali
- *Local Council Enterprise Support Award Scheme*

- *Local Council Green Challenge Award*
- Proġetti Pilota dwar Strateġiji Lokali għall Żvilupp Sostenibbli
- Skema ta' Ko-Finanzjament (Proġetti tal-Unjoni Ewropea)

Fl-ewwel sena tal-pjan ser isiru sejħiet għall-offerti fir-rigward ta' diversi proġetti kapitali li mistennija jkollhom effett tul it-tliet snin koperti b'dan il-Pjan ta' Ħidma. Dawn jinkludu:

- Tqegħid ta' *Rubber Flooring* fil-Park tal-Familja, Tal-Ibraġ;
- Provvista, Installazzjoni, Ittestjar u Kummissjonar ta' Dwal għal Ġnien Dun Anton Debono fi Triq Ġużè` Flores;
- Provvista, Installazzjoni, Ittestjar u Kummissjonar ta' Sistema Fotovoltaika għal Ġnien Dun Anton Debono fi Triq Ġużè` Flores;
- Provvista, Installazzjoni, Ittestjar u Kummissjonar ta' Sistema *CCTV* għal Ġnien il-Qigħan fi Triq Qasam Barrani;
- Provvista u Twaħħil ta' *Safety Fencing* għal Ġnien il-Qigħan fi Triq Qasam Barrani;
- *Refurbishment* tal-installazzjoni elettrika fi Ġnien il-Qigħan, Triq Qasam Barrani;
- Xogħlijiet ta' tisbiħ fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ; u
- Xogħlijiet ta' tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

Il-Kunsill huwa kummess ukoll fuq ir-*resurfacing* ta' Triq l-Armier fejn huwa stmat li sas-sena 2014 ser jinvolvi nefqa ta' €375,000. F'Awwissu 2011 ġie ffirmat konvenju bejn il-Kunsill u l-Mellieħa Sports Club, li għandu jwassal għall-iffirmar tal-att finali kemm-il darba jinħarġu l-permessi tal-MEPA. Il-prezz miftieħem bejn il-partijiet huwa ta' €210,000, liema prezz mistenni li jiġi finalizzat sa tmien is-sena 2013.

Filwaqt li ngħatat attenzjoni li jiġu onorati l-obbliġi statutorji u kuntrattwali li daħal għalihom il-Kunsill fuq firxa kollha tat-tliet snin tal-Pjan, l-istess Kunsill qed ikun prudenti ħafna partikularment f'dik li hija nefqa kapitali matul l-istess snin bil-għan li jevita` *deficit* li jkun diffiċli li jirkupra minnu.

## 4.2 L-Organizzazzjoni

**Il-Kunsill**

**Is-Sindku**

**Is-Segretarju Eżekuttiv**

Assistant Amministrattiv fi Skala 11

Uffiċjal fi Skala 15 (*Back Office*) u Żewġ Uffiċjali fi Skala 15 (*Front Office*)

Uffiċjal assenjat mis-Servizz Ċivili b'doversi relatati ma' materji li jinvolvu programmi ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea (*Front Office*)

**Żewġ Ħaddiema tal-IPSL**

**Ħaddiem ipprovdut mill-ETC**

*Contract Manager Road Resurfacing*

Uffiċjal Awtorizzat Kumitat Konġunt Dwar l-Ordni Pubbliku

*Project Manager Selmun/Imġiebaħ Heritage Trail*

*Contract Manager* dwar id-Dwal Tat-Toroq

*Contracts Manager* fuq il-ħidma in ġenerali

## 4.3 Attivitajiet Ġenerali

Matul il-perjodu kopert b'dan il-pjan ta' ħidma ser ikun hemm il-ħtieġa li mill-inqas isiru tlettax-il sejħa għall-offerti f'dawk li huma servizzi li l-Kunsill huwa obbligat li jirrendi statutorjament. L-ispejjeż marbuta magħhom mistennija jiddependu direttament mill-prezzijiet tal-żejt, li għalkemm niżlu b'mod sinifikanti tard fl-2008, reġgħu qabdu tendenża 'il fuq. Dan il-fattur jolqot b'mod partikulari servizzi marbuta mal-użu tal-asfalt u t-tħaddiem ta' vetturi u makkinarja b'rabta mar-rendiment tas-servizzi li jridu jingħataw. Il-kuntratti dwar is-servizzi li skadew jew li ser jiskadu matul il-perjodu kopert b'dan il-Pjan ser ikunu kif jidher hawn taħt:

| Servizz | Jiskadi |
|---|---|
| Provista ta' Asfalt | 30/09/2011 |
| Provista ta' Konkos għal użu Ġenerali | 30/09/2011 |
| Kisi ta' Toroq bit-Tarmak u Xogħlijiet Anċillari | 31/12/2011 |
| Contract Management Service – Kisi ta' Toroq bit-Tarmak | 01/12/2011 |
| Contract Management (General operations) | 31/08/2012 |
| Tindif u Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi u Soft Areas | 31/08/2012 |
| Iddisinjar u Stampar tal-Magazine tal-Kunsill | 30/09/2012 |
| Tindif ta' Toroq Rurali | 30/09/2012 |
| Manutenzjoni u Żamma ta' Qsari f'Misraħ il-Parroċċa u Postijiet Oħra | 31/08/2012 |
| Tindif ta' Toroq Urbani | 31/03/2013 |
| Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku | 31/03/2013 |
| Ġbir ta' Skart Goff | 30/11/2013 |
| Ġbir ta' Skart Organiku mid-Djar | 30/11/2014 |

Il-proġetti kapitali li ser jitwettqu fit-tliet snin li ġejjin, bħalma huma il-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ, it-tisbiħ ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, u l-Park tal-Familja ser iġibu magħhom spiża rikorrenti akbar minħabba l-manutenzjoni li jirrikjedu flimkien ma' assi oħra li huwa responsabbli minnhom il-Kunsill. L-istess jista' jingħad bi proġetti oħra li twettqu bħalma huma Ġnien Ħidmet il-Volontarjat fiż-żona ta' *Mellieħa Heights* u l-estensjoni tal-uffiċċju amministrattiv li mistennija tiġi mplimentata matul dan il-pjan. Il-Kunsill huwa konxju

wkoll tal-fatt illi dawn il-pizijiet ġodda mhux neċessarjament ifissru żidiet fl-allokazzjoni finanzjarja mill-Gvern Ċentrali, biex issostni l-manutenzjoni meħtieġa.

Bil-għajnuna mill-Gvern Ċentrali u bl-appoġġ tal-komunita` kummerċjali u l-għaqdiet tal-lokalita`, il-Kunsill ser ikompli jorganizza attivitajiet popolari bħalma huma Milied Mellieħi u l-Iljieli Melleħin. B'konsultazzjoni mal-awtoritajiet tal-Iskola Primarja ser jitkompla jsir titjib fil-bini tal-istess skola u fil-madwar. Il-Kunsill mhux ser jabbanduna l-impenn li jaġġorna l-librerija pubblika tal-Mellieħa. Ser titkompla l-koperazzjoni mal-għaqdiet sportivi u kulturali biex dawn jiġu stimulati ħalli jorganizzaw attivitajiet li jħajjru l-parteċipazzjoni mir-residenti tal-lokalita`. Il-Kunsill ser ikompli jinvolvi ruħu flimkien mal-għaqdiet mużikali tal-lokalita` fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet mifruxa matul is-sena. Il-Kunsill ser jara wkoll li jitħaddmu l-ftehim dwar ż-żamma tax-Xelters tat-Tieni Ġwerra u l-Batterija ta' Westreme ma' żewġ għaqdiet volontarji lokali, filwaqt li jintroduċi oħrajn simili dwar it-tmexxija tat-Torri l-Abjad, id-*Defence Post* ta' Triq l-Għollieqa u l-proprjeta` li ser tiġi devoluta b'rabta mal-ħolqien ta' *heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ.

Il-Kunsill imbarka fuq pjan ambizzjuż, partikularment f'dawk li huma proġetti kapitali, bħal fil-każ tal-Park tal-Familja, il-*Heritage Trail* f'Selmun. Huwa vitali li dawn iż-żewġ proġetti partikulari jitpoġġew fuq sisien li jiġġarantixxu s-sostenibblita` tagħhom u possibilment jiffunzjonaw mingħajr l-appoġġ finanzjarju mill-Kunsill bil-għan li jiġu evitati piżijiet li jridu jinġarru minn sena għal' oħra.

C. Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

## 5.1 Tbassir Finanzjarju għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2012 € | STIMA 2013 € | STIMA 2014 € | STIMA 2012 - 2014 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Id-Dħul** | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 1,607,113.00 | 1,035,910.69 | 1,010,845.65 | 3,653,869.34 |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 15,100.00 | 15,263.00 | 15,415.63 | 45,778.63 |
| 0090 | L-Investiment | 10,000.00 | 10,100.00 | 10,201.00 | 30,301.00 |
| 0100 | Ġenerali | 36,745.00 | 18,000.00 | 18,175.00 | 72,920.00 |
| | **TOTAL** | **1,668,958.00** | **1,079,273.69** | **1,054,637.28** | **3,802,868.97** |
| 1 | **L-Infiq** | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 113,522.93 | 115,558.40 | 117,632.97 | 346,714.30 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 728,699.92 | 736,226.56 | 743,834.20 | 2,208,760.67 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 1,946,241.00 | 343,300.00 | 198,630.00 | 2,488,171.00 |
| | **TOTAL** | **2,788,463.85** | **1,195,084.96** | **1,060,097.17** | **5,043,645.97** |
| | **BILANĊ FAVUR / (KONTRA)** | **(1,119,505.85)** | **(115,811.27)** | **(5,459.88)** | **(1,240,777.00)** |
| | **X'KELLNA QABEL** | 1,288,656.00 | 169,150.15 | 53,338.88 | 1,288,656.00 |
| | **X'GĦANDNA ISSA** | 169,150.15 | 53,338.88 | 47,879.00 | 47,879.00 |
| | **Annual Allocation/Suplus %** | **17.07** | **5.33** | **4.74** | |

### Noti u Suppożizzjonijiet

**Id-Dħul**

- Qed jiġi smat li matul it-tliet snin tal-pjan l-Allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali tiżdied b` 1 % kull sena.
- Id-dħul mill-*bye-laws* jikkonsisti prinċipalment mill-permessi li jinħarġu għal attivitajiet temporanji bħal *barbecues*, ikkampjar eċċ, u l-ħlas għall-korsijiet li jorganizza l-Kunsill. Dawn mistennija li jiżdiedu bi 0.1% minn sena għal'oħra.

**L-Infiq**

♦ L-infieq fuq is-servizzi li jixtri l-Kunsill, huma stmati li ser jiżdiedu bl-istess b'rata ta' 2 % tul il-perjodu tal-Pjan.

..

## 5.2. Tbassir ta' l-Infiq għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2012 € | STIMA 2013 € | STIMA 2014 € | STIMA 2012 - 2014 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **L-Infiq** | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 9,622.00 | 9,718.22 | 9,815.40 | 29,155.62 |
| 1200 | Pagi ta' l-Impjegati | 77,810.00 | 79,366.20 | 80,953.52 | 238,129.72 |
| 1300 | Bonus | 6,454.93 | 6,519.48 | 6,584.67 | 19,559.08 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 1,211.00 | 1,211.00 | 1,211.00 | 3,633.00 |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali | 7,125.00 | 7,267.50 | 7,412.85 | 21,805.35 |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 1700 | Sahra | 2,500.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 7,500.00 |
| 1800 | L-Onorarja tal-Kunsillieri | 8,800.00 | 8976 | 9155.52 | 26,931.52 |
| | | **113,522.93** | **115,558.40** | **117,632.97** | **346,714.30** |
| **2000** | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/i€a/tel. etc.) | 16,165.00 | 16,326.65 | 16,489.92 | 48,981.57 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 3,800.00 | 3,838.00 | 3,876.38 | 11,514.38 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 192,100.00 | 194,021.00 | 195,961.21 | 582,082.21 |
| 2400 | Kera | 2,700.00 | 2,700.00 | 2,700.00 | 8,100.00 |
| 2500 | Sħubija f'Għaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 1,200.00 | 1,212.00 | 1,224.12 | 3,636.12 |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 9,000.00 | 9,090.00 | 9,180.90 | 27,270.90 |
| 2700 | Trasport | 3,900.00 | 3,939.00 | 3,978.39 | 11,817.39 |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | 3,800.00 | 3,876.00 | 3,953.52 | 11,629.52 |
| 2900 | Tagħrif lill-Publiku | 23,300.00 | 23,533.00 | 23,768.33 | 70,601.33 |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 316,671.00 | 319,837.71 | 323,036.09 | 959,544.80 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 21,100.00 | 21,311.00 | 21,524.11 | 63,935.11 |
| 3200 | Taħriġ | 17,900.00 | 18,079.00 | 18,259.79 | 54,238.79 |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 87,100.00 | 87,971.00 | 88,850.71 | 263,921.71 |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | 3,100.00 | 3,131.00 | 3,162.31 | 9,393.31 |
| 3600 | LES Spejjez ta` l-Infurzar Lokali | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 6,000.00 |
| 3700 | Progett ta' l-Unjoni Ewropea | 10,000.00 | 10,200.00 | 10,404.00 | 30,604.00 |
| 3800 | Gemellaggi | 14,863.92 | 15,161.20 | 15,464.42 | 45,489.54 |
| | | **728,699.92** | **736,226.56** | **743,834.20** | **2,208,760.67** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | |
| 7001 | Xiri ta' Proprjeta` | 118,700.00 | 157,000.00 | 0.00 | 275,700.00 |
| 7100 | Bini | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7200 | Titjib | 99,000.00 | 16,000.00 | 91,000.00 | 206,000.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 3,000.00 | 3,300.00 | 3,630.00 | 9,930.00 |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 1,725,541.00 | 167,000.00 | 104,000.00 | 1,996,541.00 |
| | | **1,946,241.00** | **343,300.00** | **198,630.00** | **2,488,171.00** |
| | **TOTAL** | **2,788,463.85** | **1,195,084.96** | **1,060,097.17** | **5,043,645.97** |

Noti:

## 5.3 Tbassir tad-Dħul għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2012 € | STIMA 2013 € | STIMA 2014 € | STIMA 2012 - 2014 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Id-Dħul** | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | |
| 0001 | Annwali | 990,928.00 | 1,000,837.28 | 1,010,845.65 | 3,002,610.93 |
| 0002 | Supplimentari | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubbliċi/Governattivi | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0015 | Ħwejjeġ oħra | 616,185.00 | 35,073.41 | | 651,258.41 |
| | | **1,607,113.00** | **1,035,910.69** | **1,010,845.65** | **3,653,869.34** |
| **0020** | **Il-'Bye-laws'** | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 9,800.00 | 9,898.00 | 9,996.98 | 29,694.98 |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 300.00 | 315.00 | 318.15 | 933.15 |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0066 | Ġenerali | 5,000.00 | 5,050.00 | 5,100.50 | 15,150.50 |
| | | **15,100.00** | **15,263.00** | **15,415.63** | **45,778.63** |
| **0090** | **L-Investiment** | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 10,000.00 | 10,100.00 | 10,201.00 | 30,301.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | **10,000.00** | **10,100.00** | **10,201.00** | **30,301.00** |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 1,500.00 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 36,245.00 | 17,500.00 | 17,675.00 | 71,420.00 |
| | | **36,745.00** | **18,000.00** | **18,175.00** | **72,920.00** |
| | | **1,668,958.00** | **1,079,273.69** | **1,054,637.28** | **3,802,868.97** |

## L-Infieq Kapitali

| Nru. tal-Kont | Infieq Kapitali | 2012 | | 2013 | | 2014 | | 2012-14 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Proġett | Deskrizzjoni tal-Proġett | KONT € | PROĠETT € | KONT € | PROĠETT € | KONT € | PROĠETT € | TOTAL TAL-KONT € |
| **7001** | **Xiri ta' Propjeta** | 118,700.00 | | 157,000.00 | | 0.00 | | 275,700.00 |
| 70010 | Council Office Extension | | 118,700.00 | | 157,000.00 | | 0.00 | |
| **7100** | **Bini u Kostruzzjoni** | 0.00 | 0.00 | 0.00 | | 0.00 | | 0.00 |
| **7200** | **Titjib** | 99,000.00 | | 10,000.00 | | 85,000.00 | | 194,000.00 |
| 7210 | Office Improvements | | 58,000.00 | | 5,000.00 | | 5,000.00 | |
| 7220 | New Street Lamps | | 41,000.00 | | 5,000.00 | | 80,000.00 | |
| **7300** | **Makkinarju u Apparat** | 3,000.00 | | 3,300.00 | | 3,630.00 | | 9,930.00 |
| 7310 | Office Equipment | | 1,500.00 | | 1,650.00 | | 1,815.00 | |
| 7311 | Computer Hardware | | 1,500.00 | | 1,650.00 | | 1,815.00 | |
| **7500** | **Proġetti Speċjali** | 1,675,541.00 | | 167,000.00 | | 104,000.00 | | 1,946,541.00 |
| 7501 | Country Park Facilities | | 4,000.00 | | 1,000.00 | | 1,000.00 | |
| 7502 | Road Resurfacing | | 263,864.00 | | 107,000.00 | | 54,000.00 | |
| 7504 | Churches Area Foodlighting | | 6,000.00 | | | | | |
| 7505 | Tunnara Museum Project | | 10,000.00 | | 2,000.00 | | 2,000.00 | |
| 7508 | Gnien Hidmet il-Volontarjat | | 12,000.00 | | | | | |
| 7509 | Ta' l-Ibrag Family Park | | 460,000.00 | | 20,000.000 | | 15,000.000 | |
| 7510 | Misrah iz-Zjara tal-Papa G. Pawlu II Emb. | | 407,677.00 | | 10,000.00 | | | |
| 7514 | Improvement of Coastal Areas | | 5,000.00 | | 2,000.00 | | 2,000.00 | |
| 7516 | Triq Q. Barrani Emb.& Traffic Mgmt. | | 117,000.00 | | | | | |
| 7519 | Triq l-Erwieh Playing Field Imp. | | 100,000.00 | | | | | |
| 7520 | Misrah il-Parrocca Manikata Emb. | | 90,000.00 | | | | 0.00 | |
| 7521 | Gnien Dun Anton Debono Imp. | | 75,000.00 | | | | | |
| 7522 | Selmun & Imgiebah Heritage Trail | | 15,000.00 | | 10,000.00 | | 10,000.00 | |
| 7523 | Qasam Ta' Pennellu Imp. | | 70,000.00 | | | | | |
| 7524 | Torri l-Abjad Project | | 40,000.00 | | 15,000.00 | | 20,000.00 | |

| | 2012 | 2013 | 2014 | 2012-14 |
|---|---|---|---|---|
| **TOTAL Proġetti Ġodda** | 1,896,241.00 | 337,300.00 | 192,630.00 | 2,426,171.00 |

## 6.2. Noti u Suppożizzjonijiet

| | |
|---|---|
| 7001 | Is-somom ndikati huma ntiżi sabiex tinxtara proprjeta` bil-għan li jiżdiedu l-faċilitajiet fl-uffiċċju amministrattiv |
| 7210 | Dan il-vot huwa maħsub sabiex isir ir-*refurbishment* fl-estensjoni l-ġdida tal-uffiċċju amministrattiv u jsiru l-attrezzi meħtieġa. |
| 7220 | Il-Kunsill jeħtieġ li jiffinanzja s-*circuits* u dwal ġodda fit-toroq kollha li ser jinbnew mill-ġdid fiż-żona ta' Santa Marija Estate billi dawk eżistenti ma jkoprux it-toroq kollha b'mod uniformi. |
| 7230 | Dan il-vot ser jintuża sabiex jiġu ffinanzjati skemi ġodda tat-traffiku li jistgħu jiġu approvati matul il-perjodu tal-Pjan. Xogħol ieħor kopert b'dan il-vot huwa t-twaħħil ta' *railings* ġodda. |
| 7245 | Il-vot huwa ntiż biex permezz tiegħu jitqiegħdu *litter-bins* fejn qabel ma kienux jeżistu. |
| 7502 | Dan il-vot huwa ntiż sabiex jiffinanzja r-rikostruzzjoni ta' Triq l-Armier permezz ta' *private public partnership*. Kif jidher fl-iskedi aktar 'il fuq, is-sommom ivvutati għar-*resurfacing* ta' toroq fuq it-tliet snin tal-pjan jipprovdu prinċipalment għax-xogħlijiet ta' Triq l-Armier. |
| 7504 | Il-proġett tal-*floodlighting* tal-bini tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa u l-Knisja Parrokkjali, flimkien mat-toroq tal-madwar mistenni li jiġi konkluż fl-ewwel sena tal-pjan. |
| 7505 | Wara l-investiment li sar fuq medda ta' diversi snin, il-Kunsill huwa kommess li jibqa' jinvesti biex jitjiebu l-faċilitajiet ġewwa il-Batterija ta' Westreme, fejn hemm il-Mużew tat-Tunnara. |
| 7508 | Fl-ewwel sena tal-Pjan mistenni li jsiru l-ħlasijiet kollha konnessi ma' Ġnien Ħidmet il-Volontarjat, liema ħlasijiet ma' setgħux isiru peress li kien għad fadal xogħlijiet żgħar illi jirrigwardaw l-irrigazzjoni, li ma setgħux jitwettqu. |
| 7509 | It-tieni fażi tal-proġett dwar il-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ tinvolvi l-introduzzjoni ta' faċilitajiet sportivi li għadhom ma jeżistux fil-lokalità, bħalma huma korsa ta' l-atletika u *multi-purpose court, u open air gymnasium*. Ix-xogħol fuqhom, flimkien ma' dak tal-ġiebja, mexa sewwa. Dan il-proġett qed jitwettaq flimkien mal-Gvern Ċentrali u mistenni li jibda jiffunzjona fl-ewwel sena tal-Pjan, iżda huwa maħsub li jkun jirrikjedi spejjeż b'rabta mal-attrezzar tiegħu matul it-tliet snin li ġejjin. |
| 7510 | Il-Kunsill għandu l-intenzjoni li jagħti dehra li tixraq lill-Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawl II li tinsab fil-parti storika tal-Mellieħa. Inkiseb finanzjament taħt il-Vot dwar Inizjattivi Speċjali, amministrat mill-Ministeru responsabbli mill-Kunsilli Lokali. |
| 7514 | Il-Kunsill qed jaħseb li jkun hemm titjib f'żoni kostali, partikularment b'rabta mal-mira li l-Bajja tal-Mellieħa tilħaq l-i*standard* ta' *Blue Flag,* skont il-kriterji stabbiliti mill-Foundation for Education Coordination. |

| | |
|---|---|
| 7516 | Wara li twaqqaf monument flimkien mal-*landscaping* li diġa sar fi Triq Qasam Barrani, hija prioritá tas-Sitt Kunsill li jsebbaħ is-*soft area* ta' quddiem l-Iskola Primarja u jintroduċi aktar sigurta` għat-tfal. |
| 7519 | It-titjib fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ jinkludi primarjament it-tneħħija tal-ħajt tal-ġebel li hemm matul il-belveder, twaħħil ta' puġġaman tal-ħadid kif ukoll bdil ta' *play equipment* ma' ġdid li joffri aktar sigurta` għat-tfal. |
| 7520 | Dan il-vot huwa ntenzjonat sabiex tissebbaħ Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata, liema proġett jeħtieġ li jsir flimkien mat-triq il-ġdida ppjanata li tgħaddi biswit Ġnien iż-Żerniq u l-istess pjazza. |
| 7521 | Permezz ta' dan il-vot ser isir il-bdil tad-dwal kollha nkluża l-installazzjoni elettrika ta' Ġnien Dun Anton Debono. Ser tiġi nstallata sistema li tiġġenera l-elettriku permezz ta' pannelli fotovoltaiċi, li parti minnha ser tiġi ffinanzjata permezz tal-Iskema dwar l-Enerġija Alternattiva, mnedija mill-Ministeru responsabbli mill-Kunsilli Lokali. |
| 7522 | Il-proġett tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ jinkludi r-restawr ta' bini rurali qrib il-Palazz ta' Selmun, miġbħa antika għat-trobbija tan-naħal, *pill boxes* u *beachpost* tat-Tieni Gwerra Dinjija u t-tiswija tal-ilqugħ għall-ilma tax-xita li jinsab fil-Ballut tal-Imġiebaħ. Dan huwa proġett estensiv u jirrikjedi finanzjament sostanzjali li stmat illi jlaħħaq 'il fuq minn €900,000 – spiża li tmur lill'hinn mill-mezzi li għandu l-Kunsill. Kien għal din ir-raġuni li saru żewġ applikazzjonijiet għall-finanzjament taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. Minkejja dan, huwa mistenni li l-Kunsill irid jagħmel tajjeb għall-spejjeż li m'humiex eliġibbli taħt il-Miżuri 313 u 323 taħt il-fond imsemmi. |
| 7523 | It-Torri l-Abjad ingħata mill-Gvern b'titolu ta' devoluzzjoni bil-għan li dan jiġi restawrat u jinżamm miftuħ għall-pubbliku. Il-Kunsill beħsiebu jilħaq dan il-għan bil-kollaborazzjoni tal-Historical Military and Maritime Society. |
| 7525 | Ser tiġi nstallata sistema ta' *CCTV* fi Ġnien il-Qigħan kif ukoll ser jittieħdu miżuri oħra ntiżi sabiex titjieb is-sigurta` għat-tfal li jiffrekwentaw dan il-post. |